# LILL-MEWT

*Ta'* Erin Serracino Inglott

O Mewt jien tiegħek iżjed m'li tal-Ħajja. . . .
Għax ħajti ġisem li biż-żmien jitherra,
miġbud bħal dell ikaxkar jew jiġġerra
f'medda qasira ta' ftit snin bla ġrajja.

Hu xieraq li f'dal-jasar mhux minn rajja,
fin-niket jew fil-ferħ noqgħod nidderra;
iżd'int, Sulṫana tal-Ħelsien, dil-gwerra
ta' dnub u qerq waqqafha bla titlajja.

Bi ħsiebi fik inħossni t-triq inqassar,
u ma nħossux it-toqol ta' dil-balla
li 'l ruħi ma' dal-ġisem qiegħda tjassar.

Il-ħajja tgħaddas: int, o Mewt, ittalla'.
U dawlek dlam id-dinja jaf iħassar.
Il-ħajja l-bniedem. Inti, Mewt . . . int Alla!

*(Moqri fl-Akkademja tal-Għaqda).*